# FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM l-Erbgħa, 28 ta’ Frar, 2018**

**Kawża Nru 10**

**Rik. Nru. 799/08JRM**

Dr Josette **GRECH** bħala mandatarja speċjali tal-assenti Filippo de Romanis

vs

James **AZZOPARDI** u Martin Bonniċi

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-5 ta’ Awwissu, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attriċi *nomine* talbet li din il-Qorti (i) issib li l-imħarrkin, jew min minnhom, jaħtu għall-inċident li seħħ fis-6 ta’ Lulju, 2007, għall-ħabta tas-sagħtejn ta’ filgħodu fl-istabbiliment “*Havana Club*”, f’Paċeville u fi Triq San Ġorġ, Paċeville, barra mill-imsemmi stabbiliment, meta huma ħabtu għalih u darbuh billi ikkaġunawlu ġrieħi ta’ natura gravi li ma jgħaddux fuq il-persuna tiegħu; (ii) tillikwida d-danni mġarrba minnu minħabba imġibithom; u (iii)

tikkundannahom solidalment iħallsuh id-danni hekk likwidati. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħax legali;
Rat id-digriet tagħha (diversament presjeduta) tad-29 ta' Awwissu, 2008[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attriċi *nomine* dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fil-5 ta' Novembru, 2008, li biha l-imħarrek James Azzopardi jiċħad kull responsabbilita għall-inċident. Jgħid ukoll li l-azzjoni hija preskritta;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fl-14 ta' Novembru, 2008, li biha l-imħarrek Martin Bonniċi jilqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, jgħid li mhuwiex il-leġittimu kontradittur u għandu jinħeles milli jibqa' fil-kawża billi hu ma kkawża ebda dannu lill-attur. Jilqa' wkoll billi jgħid li l-ġudizzju mhux sħiħ għaliex l-attur naqas li jistitwixxi l-proċeduri kontra l-persuni kollha li setgħu kienu nvoluti u għaldaqstant kwalunkwe ġudizzju mhux ser ikun integru. Talab it-tneħħija mill-atti tal-kawża tad-dokumentazzjoni mehmuża mar-Rikors Maħluf fl-ilsien taljan, ladarba dak mhuwiex l-ilsien tal-Qrati f'Malta u mhix skond ir-rekwiżiti stabbiliti taħt il-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu, jilqa' billi jgħid li l-attur irid iressaq il-prova dwar min mill-imħarrkin ikkaġġunalu feriti ta' natura gravi li minnhom jilminta u li dawn tassew wasslulu għad-debilita' li jgħid li qed iġarrab;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-17 ta' Novembru, 2008[2], li bih l-imħarrek Azzopardi irtira t-tieni eċċezzjoni dwar il-preskrizzjoni;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-17 ta' Novembru, 2008[3], li bih ħatret lill-Avukat Yvette Cassar bħala Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tad-29 ta' Marzu, 2011[4], li bih ħatret lill-kirurgi Charles Grixti u Charles Swain bħala esperti mediċi;

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-esperti mediċi[5] fl-1 ta' Awwissu, 2011, u minnhom maħlufa kif imiss fir-Reġistru tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Ottubru, 2011;

Rat is-surroga tal-24 ta' Jannar, 2014[6], li biha din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta;

---

[1] Paġ. 14 tal-proċess
[2] Paġ. 25 tal-proċess
[3] *Ibid*
[4] Paġ. 125 tal-proċess
[5] Paġġ. 191 – 6 tal-proċess

Rat id-degriet ta' din il-Qorti tal-20 ta' Ottubru, 2015[7], li bih temmet il-ħatra ta' l-Avukat Yvette Cassar bħala Assistent Ġudizzjarju u minflokha ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bl-istess setgħat u fakultajiet;

Rat ix-xhieda mismugħa mill-Assistenti Ġudizzjarji u kif ukoll il-provi dokumentali u x-xhieda mressqa bil-meżż tal-affidavit tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-smiegħ tas-17 ta' Marzu, 2017[8] quddiem l-Assistent Ġudizzjarju li bih il-partijiet qablu li dwar il-mod kif kienu ser iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom tal-għeluq bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fid-9 ta' Mejju, 2017[9];

Rat li minkejja li l-Qorti[10] tat aktar żmien lill-imħarrkin biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bi tweġiba għal dik ta' l-attur, naqsu li jagħmlu dan;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' Ottubru, 2017, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat*:**

Illi din hija azzjoni għad-danni mġarrba mill-attur wara li ġie aggredit minn żewġ persuni fil-kapaċita' tagħhom ta' *bouncers* barra stabbiliment f'Paċeville. Billi l-attur jgħid li minħabba l-imsemmi ħbit huwa ġarrab ġrieħi li ma jgħaddux, qed jitlob li l-Qorti ssib li l-imħarrkin, jew min minnhom, waħedhom jaħtu għal dak li ġralu u li jħallsuh il-kumpens xieraq minħabba d-debilita' li ma tgħaddix;

Illi l-imħarrek James Azzopardi laqa' b'mod preliminari billi qal li l-azzjoni tal-attur waqgħet bil-preskrizzjoni. Fil-mertu, laqa' billi jiċħad kull responsabbilita' għall-inċident. Min-naħa l-oħra, l-imħarrek Martin Bonniċi laqa' ukoll b'mod preliminari billi jgħid li mhux il-leġittimu kontradittur u

[6] Paġ. 230 – 1 tal-proċess
[7] Paġ. 274 tal-proċess
[8] Paġ. 381 tal-proċess
[9] Paġġ. 428 sa 442 tal-proċess
[10] Paġġ. 444 – 5 tal-proċess

għandhu jinħeles milli jibqa' fil-kawża billi hu ma kkawża ebda dannu lill-attur. Laqa' wkoll billi qal li l-ġudizzju mhux sħiħ għaliex l-attur naqas li jistitwixxi l-proċeduri kontra l-persuni kollha li setgħu kienu nvoluti u għaldaqstant kwalunkwe ġudizzju mhux ser ikun integru. Talab it-tneħħija mill-atti tal-kawża tad-dokumentazzjoni mehmuża mar-Rikors Maħluf fl-ilsien taljan, ladarba dak mhuwiex l-ilsien tal-Qrati f'Malta u mhix skond ir-rekwiżiti stabbiliti taħt il-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu, laqa' billi qal li l-attur kellu jressaq il-prova dwar min, mill-imħarrkin, ikkaġġunalu l-feriti ta' natura gravi li minnhom jilminta u li dawn tassew wasslulu għad-debilita' li jgħid li qed iġarrab;

Illi bħala fatti li joħorġu mill-atti jirriżulta li f'Lulju tal-2007, l-attur Filippo de Romanis ġie għal btala f'Malta ma' ħabib tiegħu jismu Andrea Bonanni. Inzerta li f'Malta kien hawn ħu l-attur, Carlo u ħabib ieħor tagħhom jismu Riccardo Monaco, li kienu jinsabu f'Malta biex jattendu għal konferenza dwar il-Paċi fil-Lvant Nofsani u l-Politika fil-Mediterran[11];

Illi dik il-ħabta, l-attur kellu għoxrin (20) sena u kien student tax-Xjenza Politika reġistrat ;

Illi fis-sigħat bikrin ta' nhar is-6 ta' Lulju, 2007, l-attur u Bonanni daħlu ġewwa l-istabbiliment "*Havana Club*" f'Paceville, fejn qam argument bejnu u bejn l-imħarrek James Azzopardi, li dakinhar kien tqabbad jaħdem bħala '*bouncer*' fl-istess stabbiliment, dwar il-konsum ta' alkoħol barra mill-istabbiliment f'tazza jew flixkun tal-ħġieġ. L-imħarrek Martin Bonniċi jgħid li l-attur u sħabu bdew jitkessħu u jippruvaw iwaqqgħuhom, aktarx għaliex kienu taħt l-effett tax-xorb, u flimkien mal-imħarrek l-ieħor James Azzopardi u oħrajn iddeċidew li joħorġuhom 'il barra mill-istabbiliment[12]. Huwa jżid jgħid li, wara li saħnet il-qiegħa, it-taljani telqu jiġru u ma rawhomx aktar[13]. L-imħarrek James Azzopardi jiċħad li sawwat lill-attur jew li ra lil xi ħadd isawtu[14];

Illi, min-naħa l-oħra, l-attur jgħid li l-imħarrek James Azzopardi ħabat għalih b'attakk bla ħniena fuq sempliċi argument, filwaqt li jgħid li ra liż-żewġ imħarrkin jaħbtu għal ħuh Carlo wkoll[15]. Din il-verżjoni ġiet korroborata minn Andrea Bonanni[16];

[11] Ara traduzzjoni tal-affidavit tal-attur Dok. "XY" f'paġ. 133 tal-proċess
[12] Ara affidavit ta' Martin Bonniċi f'paġ. 269 tal-proċess
[13] *Ibid* paġ. 270 tal-proċess
[14] Ara kontro-eżami ta' James Azzopardi f'paġ. 419 tal-proċess
[15] Ara traduzzjoni tal-affidavit tal-attur Dok. "XY" f'paġ. 133 tal-proċess
[16] Ara traduzzjoni tal-affidavit ta' Andrea Bonanni Dok. "XY1" f'paġ. 140 tal-proċess

Illi jirriżulta wkoll li l-attur issawwat barra l-istabbiliment li minnu kien inħareġ u ntuża fuqu xi *spray* f'għajnejh li dak il-ħin għamih u raġa' waqa' mal-art fejn qala' daqqiet oħrajn;

Illi wara li ġara dan, ħu l-attur u ħabibhom Riccardo Monaco, għamlu rapport fl-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan[17]. Filmat li ttieħed fuq il-post juri lill-persuna timbotta lil oħra iżda l-identita' tal-persuni ma ġietx stabbilita[18];

Illi b'riżultat ta' dan l-inċident, l-attur ittieħed l-isptar u ġie ċċertifikat li ġarrab ġrieħi ħfief, iżda aktar tard il-Pulizija rċeviet rapport minn esperti mediċi Taljani fejn ikklassifikaw il-ġrieħi bħala dawk ta' natura gravi. L-attur jgħid li ġarrab ġrieħi f'irkobbtu x-xellugija u, meta reġa' lura pajjiżu, kellu jagħmel intervent kirurġiku fiha fi klinika f'Ruma[19];

Illi f'Malta l-Pulizija mexxew fuq dan ir-rapport, u ħarġu akkużi kontra Azzopardi u Bonnici[20];

Illi meta l-imħarrkin tressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, stqarrew l-akkużi li kienu mixlija bihom u għaldaqstant il-Qorti sabithom ħatja[21];

Illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri, l-imħarrkin jiċħdu li kienu huma li sawtu lill-attur, u jgħidu li l-ammissjoni tagħhom fil-proċeduri kriminali kienet dovuta għall-pressjoni[22] li saritilhom biex jammettu u biex jevitaw li joqogħdu telgħin u neżlin l-Italja għal proċeduri. Illi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma ġietx appellata[23];

Illi l-attur ġie ċċertifikat minn kirurgu ġewwa l-Italja li ġarrab diżabilita' f'irkubtejħ ta' sittax fil-mija (16%)[24];

Illi l-esperti mediċi maħtura mill-Qorti ċċertifikaw d-diżabilita' bħala dik ta' ħdax fil-mija (11%)[25];

Illi fil-5 ta' Awwissu, 2008, infetħet din il-kawża;

---

[17] Ara x-xhieda tal-Ispettur Nicolai Sant f'paġ. 32 tal-proċess. Ara wkoll t-traduzzjoni tal-affidavit ta' Andrea Bonanni Dok. "XY1" f'paġ. 141 tal-proċess u l-*Current Incident Report* Dok. "NS1" f'paġġ 38 – 41 tal-proċess

[18] Ara x-xhieda tal-Pulizija Alfio Borġ f'paġ. 35 – 7 tal-proċess

[19] Dok "B", f'paġġ. 6 sa 12 tal-proċess

[20] Ara x-xhieda ta' l-Ispettur Carlo Ellul f'paġġ. 74 – 5 tal-proċess

[21] Ara Dok "MF1" f'paġġ. 105 – 7 tal-proċess

[22] Xhieda tal-imħarrek Martin Bonniċi f'paġ. 417 tal-proċess

[23] Ara x-xhieda tal-imħarrek James Azzopardi f'paġġ. 419 u 420 tal-proċess.

[24] Ara Dok. "XY4" f'paġġ. 170 – 8 tal-proċess

[25] Ara Rapport Mediku f'paġġ. 191 – 6 tal-proċess

Illi l-Qorti tibda bil-konsiderazzjonijiet legali li jolqtu l-każ billi tgħid li bħala prinċipju, "*f'azzjoni bħal din l-attur jeħtieġlu jipprova l-fatt dannuż, l-imputabilita' ta' dan il-fatt għal min ikun ikkaġunalu d-danni, u l-event dannuż emerġenti minn dan l-istess fatt. Il-Qorti għalhekk jeħtieġilha teżamina attentament il-provi biex tara jekk l-attur iddisimpenjax ruħu biex jissodisfa dawn l-elementi u fuq kollox u fl-ewwel lok irnexxielux jipprova konklużżivament il-ġustifikazzjoni li hu javanza biex jakkolla l-ħtija fuq il-konvenut nomine*"[26];

Illi qabel kull ħaġa oħra, il-Qorti tirreferi għall-verbal tas-17 ta' Novembru, 2008 u l-istqarrija tar-rappreżentant legali tal-imħarrek James Azzopardi li rtira l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Il-Qorti għaldaqstant mhux ser tqis din l-eċċezzjoni aktar;

Illi l-ewwel stħarriġ li trid tagħmel il-Qorti fid-dawl tal-elementi li għadhom kemm issemmew, ma jirriżultalha ebda dubju li tabilħaqq seħħ l-inċident li l-attur jgħid li ġara. Għar-rigward **tad-dinamika tal-inċident**, il-verżjoni tal-attur hija konfermata kemm minn dik ta' ħuh, Carlo, kif ukoll minn dik ta' sieħbu Andrea Bonanni u oħrajn li raw dak li kien għaddej;

Ill l-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju mhuwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli[27]. Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni[28]. Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li *actore non probante reus absolvitur*[29]. Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju[30]. F'kawża bħalma hija dik li l-Qorti għandha quddiemha llum, huwa prinċipju stabilit li, fejn il-verżjonijiet tal-partijiet f'kawża jkunu tali li ma jaqblu f'xejn jew inkella b'mod estensiv, il-Qorti trid tqis liema waħda minn tali verżjonijiet hija l-aktar waħda

---

[26] P.A. PS **9.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Busuttil vs Sammy Meilaq noe*** (mhix appellata)
[27] App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil***
[28] Ara, per eżempju, P.A. NC **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et***
[29] Ara, per eżempju, P.A. LFS **18.5.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.***
[30] App. Ċiv. **19.6.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe***

attendibbli u toqgħod magħha. Huwa biss fejn il-Qorti ma tkunx tista' tasal għal konvinċiment partikolari favur verżjoni l-waħda jew l-oħra li, bħala regola, għandha tqis li ż-żewġ partijiet jaħtu ndaqs għall-inċident li jkun[31]. Min-naħa l-oħra, jekk kemm-il darba ż-żewġ verżjonijiet ikunu tali li jistgħu jitqiesu plawsibbli u ta' min joqgħod fuqhom mingħajr ma tkun tispikka xi ċirkostanza oħra dominanti li tikkonvinċi l-fehma tal-Qorti lejn naħa jew l-oħra, hemmhekk il-Qorti tkun trid iddur lejn ir-regola li min jallega jrid jipprova u, jekk kemm-il darba dik il-prova ma tinġabx, il-Qorti jkollha tqis li l-parti attriċi tkun naqset milli twettaq il-parti probatorja tagħha kif meħtieġ u kif mistenni li jsir[32];

Illi għalhekk, fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha[33];

Illi b'żieda ma' dan jingħad li l-kawża li l-Qorti għandha quddiemha hija waħda għal riżarċiment ta' danni mġarrba fuq il-bażi tal-ħtija akwiljana. Il-liġi[34] titkellem ċar dwar ir-responsabbilta' tal-għemil ta' persuna fil-qasam ta' danni mnissla minn delitt. Jaħti ta' għemil bħal dan kull min ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[35]. Dan in-nuqqas ta' diliġenza jew għaqal joħroġ ukoll fejn wieħed jonqos minn dmir impost mil-liġi, wkoll jekk dak li jagħmel ikun mingħajr il-ħsieb li jagħmel id-deni[36]. Ta' dan id-deni jrid jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri. Dan, wara kollox, huwa meqjus bħala l-għajn ewlenija li fuqha tinbena r-responsabbilta' ċivili mnissla mill-għemil doluż jew kolpuż[37];

Illi fil-każ fejn persuna tallega li tkun ġarrbet ħsara minħabba l-għemil jew l-omissjoni tal-parti l-oħra, jeħtieġ li min jallega li ġarrab dannu jipprova kemm l-att jew l-omissjoni tal-persuna mixlija bir-responsabbilta' ta' dak l-għemil jew ta' dik l-omissjoni, u kif ukoll li d-danni mġarrba huma l-effett konsegwenzjali ta' dak l-għemil jew ta' dik l-omissjoni[38]. Għar-rigward tal-kwestjoni tar-responsabbilta' huwa meħtieġ li jintwera li l-attur ġarrab il-ħsarat li minnhom jilminta u kif ukoll jeħtieġ li jintwera li l-imħarrkin, jew min minnhom, kienu jaħtu għalihom. Din ir-rabta ta' kawżalita' bejn l-għemil (jew l-omissjoni) tal-

[31] App. Ċiv. **20.1.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Galdes vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.59**); u App. Inf. PS **22.11.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Elmo Insurance Agency Limited noe et vs Carmel Vella Clark***
[32] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Caruana vs Anthony Falzon***
[33] App. Inf. **9.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et***
[34] Art. 1031 tal-Kap 16
[35] Art. 1032(1) tal-Kap 16
[36] Art. 1033 tal-Kap 16
[37] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et***
[38] App. Ċiv. Inf. **23.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġovanni Vella et vs Michael Ċilia***

parti u l-effetti mġarrba hija s-sies tal-azzjoni mressqa mill-attur fil-kawża tal-lum;

Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta’ prova fil-proċediment ċivili mhuwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b’daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa iridu jkunu anqas b’saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju[39];

Illi minbarra dan, il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b’mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka[40]. Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma’ dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, l-Qorti tista’ tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha. Huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f’kawża li tipprova dak li tallega[41] u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova[42];

Illi f’dan il-każ, il-Qorti tqis iċ-ċirkostanzi mhux kontradetti li joħorġu mill-qafas tal-provi. Ewlenija fosthom hi dik fejn l-attur ġarrab ġrieħi serji. Min-naħa l-oħra, minkejja dak kollu li xehdu, l-imħarrkin la qatt semmew u lanqas qatt urew li huma ġarrbu xi ġrieħi minn xi swat li seta’ sarilhom mill-attur u dawk li kienu miegħu;

Illi bħala ‘*bouncers*’, intwera li kienu l-imħarrkin li qabbżu lill-attur u lil sħabu ’l barra mill-istabbiliment li miegħu kienu għassa u li biex għamlu dan użaw forza li ma kinitx limitata għall-użu ta’ kliem li jipperswadi ’l dak li jkun biex iwarrab bil-kwiet. Għall-kuntrarju, mill-provi li qrat, il-Qorti tieħu l-impressjoni li l-imħarrkin dehrilhom li l-attur jew sħabu riedu jgħadduhom biż-żmien u, kif rawhom jagħmlu hekk quddiem in-nies, siblu għalihom u nfexxew fihom bil-forza. Imma dik il-forza nfexxet fi swat u daqqiet ta’ sieq ’l hawn u ’l hinn li ssokta barra mill-istabbiliment;

[39] Ara P.A. DS **13.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Nancy Caruana vs Odette Camilleri*** (mhix pubblikata, imma f’dan ir-rigward, konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-**27.2.2004**)
[40] App. Inf. JSP **12.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Hans J. Link et vs Raymond Merċieca***
[41] Art. 562 tal-Kap 12
[42] Art. 559 tal-Kap 12

Illi l-Qorti tagħti piż ukoll għal akkużi[43] li bihom tressqu l-imħarrkin quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali fis-27 ta' Novembru, 2007, jiġifieri li kkaġġunaw offiżi gravi *per durata* fuq il-persuna ta' Filippo de Romanis fis-6 ta' Lulju, 2007 għall-ħabta tas-2.00 ta' filgħodu ġewwa Triq San Ġorġ, Paceville, u s-sejba ta' ħtija wara ammissjoni minnhom stess waqt is-smigħ tat-18 ta' Frar, 2008;

Illi minn hawn il-Qorti sejra tgħaddi għall-kwestjoni tar-**responsabbilita' ta' min jaħti għall-inċident**. B'waħda mill-**eċċezzjonijiet preliminari** tiegħu, l-imħarrek Bonniċi jqajjem kwestjoni li biha jgħid li l-fatt li l-attur mexxa biss kontrih u kontra l-imħarrek Azzopardi jfisser li l-ġudizzju mhuwiex sħiħ;

Illi l-Qorti ma ssibx li din l-eċċezzjoni hija tajba. Fl-ewwel lok, l-attur seħħlu juri li kienu l-imħarrkin li ħabtu għalih u għal sħabu. Huwa minnu li l-attur xehed li ra '*bouncers*' oħrajn fl-istabbiliment, imma dan ma jġibx b'daqshekk li dawk kellhom ikunu wkoll imħarrkin "kolleġġjalment" mal-imħarrkin. Fit-tieni lok, safejn din l-eċċezzjoni tal-imħarrek Bonniċi tipprova ddaħħal fil-ħtija lil nies oħra li mhumiex fil-kawża, ma kien hemm xejn x'iżommu milli, fil-waqt xieraq tas-smigħ tal-kawża, jitlob is-sejħa fil-kawża tagħhom jekk kemm-il darba jqis li huma (min huma) kienu jaħtu għal dak li ġaralu l-attur. Dan ma għamlux. Fit-tielet lok, huwa magħruf li f'każijiet mibnija fuq il-ħtija akwiljana, id-difiża tat-terz mhux magħruf ma tgħoddx biex teħles lill-parti mħarrka mill-obbligu li tagħmel tajjeb għall-ħsara li tkun ġrat jekk kemm-il darba jintwera li hemm rabta bejn l-imġarrab u l-għemil (jew omissjoni) tal-parti mħarrka. F'każijiet fejn il-parti mħarrka mixlija b'responsabbilta' tipprova teħles minn dik ix-xilja billi tipponta subgħajha lejn ħaddieħor, il-Qrati ma jħarsux b'wisq favur lejn atteġġament bħal dan. Jekk dik il-parti mħarrka ma tafx min seta' kien tali terz jew jekk, minkejja li kellu ħjiel, naqset li tressqu fil-kawża, mhuwiex xieraq li għal dan il-fatt tbati l-parti attriċi (li, fil-ħsieb tagħha, tkun diġa' indirizzat il-pretensjonijiet tagħha kontra l-parti mħarrka) u jinħeles min kellu parti mill-ħtija[44]. F'każ li jiġri hekk, titħaddem ir-regola li tinsab fl-artikolu 1050 tal-Kodiċi Ċivili. Minbarra dan, billi l-kawża tagħmel stat fir-rigward tal-partijiet li jkunu fiha, l-ebda Qorti ma tista' titfa' ħtija fuq min ma jkunx parti fil-kawża[45]. Għalhekk, safejn il-Qorti tkun sodisfatta li l-parti mħarrka b'xi mod tkun responsabbli għal dak li tixliha bih il-parti attriċi, ma jkunx hemm lok għal aktar spekulazzjoni dwar xi sehem li seta' kellha xi terza persuna li la tissemma b'isimha jew lanqas tkun identifikata jew lanqas biss

---

[43] Paġ. 85 tal-proċess
[44] App. Ċiv. **9.12.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Camilleri pro et noe vs Nazzareno Cutajar et*** (mhix pubblikata)
[45] P.A. **21.2.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Fenech noe vs Paul Gauċi*** (mhix pubblikata)

tissejjaħ fil-kawża[46]. Kemm hu hekk, jinsab stabilit li jekk kemm-il darba f'kawża tinġab prova li kien hemm responsabbilta' ta' terza persuna li mhijiex fil-kawża flimkien ma' responsabbilta' tal-parti mħarrka, il-konklużjoni ma tkunx li l-parti mħarrka titqies responsabbli f'parti biss, imma titqies responsabbli f'kollox lejn il-parti attriċi bid-dritt ta' din ta' kull jedd ta' azzjoni ta' rivalsa fir-rigward tat-terza persuna jekk ikun il-każ[47];

Illi għal dak li jirrigwarda l-**mertu tal-kwestjoni ta' min jaħti** l-Qorti ssib li, bi tħaddim tal-prinċipji li għadha kif semmiet, il-massa ta' provi li għandha quddiemha twassalha biex issib li ż-żewġ imħarrkin iridu jwieġbu għal dak li ġarrab l-attur. L-attur jitlob li tinstab ħtija fl-imħarrkin jew min minnhom għal ġrieħi li ġarrab. Huwa jisħaq li ressaq provi tajbin biżżejjed biex jorbtu lill-imħarrkin mal-ġrajjiet imsemmijin minnu. Il-Qorti dan tarah fix-xhieda mogħtija u l-provi mtellgħin minnu, u kif ukoll fl-ammissjoni tal-imħarrkin u s-sejbien ta' ħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fil-proċeduri li l-Pulizija mexxew kontrihom;

Illi min-naħa tagħhom, l-imħarrkin jiċħdu dan kollu. Huma jisħqu li ma jaħtu xejn għal dak li ġralu l-attur, illi ma raw lill ħadd jaħbat għalih u li saħansitra ġew imġiegħla jammettu għall-akkużi kriminali miġjub kontrihom. Irid jingħad li l-Qorti ftit li xejn tista' toqgħod fuq din il-linja ta' d-difiża mqanqla mill-imħarrkin f'dawn il-proċeduri, speċjalment wara l-ammissjoni tagħhom ftit tax-xhur biss wara l-inċident waqt proċeduri kriminali li ngħabu kontihom. Il-Qorti tqis ukoll il-fatt li l-imħarrkin ma daħħlu ebda appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u, kif sewwa jargumenta l-attur fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, lanqas qatt ma għaddew biex jattakkaw dik is-sentenza b'xi proċedura oħra. Il-fatt li dik is-sentenza ngħatat minn Qorti ta' kompetenza kriminali ma jfissirx li ma għandha l-ebda siwi fil-kawża tal-lum ta' indoli ċivili. Għall-kuntrarju, huwa stabbiliti li dik iċ-ċirkostanza hija waħda li l-Qorti tista' tqisha bħala waħda ta' valur probatorju[48];

Illi għaldaqstant id-difiża tal-imħarrkin ma ġietx ppruvata minnhom kif imiss, u mhux ser tiġi milqugħa. U għalhekk il-Qorti ssib li għandha toqgħod mal-verżjoni mressqa mill-attur, u fil-fehma tagħha r-responsabbilita' għal dak li ġara għandha tintrefa' biss mill-imħarrkin u dan flimkien u solidalment bejniethom;

---

[46] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Fenech vs Rook Construction Ltd et***
[47] App. Ċiv. **27.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Busuttil vs Angelo Xuereb et***
[48] P.A. AE **17.4.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Adrian Aġius vs Steve Magro et*** (mhix appellata)

Imiss li l-Qorti tqis jekk il-ħtija li ġiet attribwita lil kull wieħed mill-imħarrkin ġabitx id-dannu attwalment imġarrab mill-attur, għaliex minbarra s-sejbien tal-ħtija, jeħtieġ li jkun stabilit ukoll li kienet dik il-ħtija li ikkaġunat id-dannu attwalment mġarrab[49];

Illi l-Qorti għandha quddiemha opinjoni ta' espert mediku *ex parte* li jorbot il-ġrieħi fl-irkobba tal-attur mal-inċident tas-6 ta' Lulju, 2007, li l-attur ġarrab waqt li kien qiegħed jiddeverti ma' sħabu f'Paceville. Bl-istess mod, waslu għal fehma l-periti mediċi maħtura mill-Qorti fir-relazzjoni tagħhom, u fil-konklużjonijiet tagħhom jisiltu d-diffikultajiet illi l-attur huwa mistenni li jħabbat wiċċu magħhom fil-ġejjieni, u li jiġġustifikaw il-perċentwali ta' diżabilita' ta' ħdax fil-mija (11%) li ma tgħaddix;

Illi l-Qorti tqis ukoll illi l-ebda waħda mill-partijiet ma nsistiet għall-ħatra ta' periti mediċi addizzjonali lil hemm minn dawk ġa maħtura mill-Qorti. Dan iwassal lill-Qorti għall-fehma illi l-partijiet mhux qed jikkontestaw is-sejbiet tal-esperti mediċi;

Illi l-Qorti għalkemm mhix obbligata li taċċetta r-rapport tekniku bħala prova determinanti u għandha dritt li tiskartah kif setgħet tiskarta kull prova oħra. Mill-banda l-oħra, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li għandu jingħata piż debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat minnha billi l-Qorti m'għandhiex leġġerment tinjora dik il-prova. Mill-atti joħroġ ċar illi l-mertu ta' din il-kawża huwa wieħed ta' natura medika li ma setax jiġi deċiż mill-Qorti mingħajr l-opinjoni ta' espert in materja. B'danakollu, kif ġie ritenut minn dawn il-Qrati, "*dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex tħares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex teżita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfaċentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konklużjoni ma kenitx sewwa tirriżolvi l-kweżit ta' natura teknika*"[50]. Il- Qorti ma tistax twarrab relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konklużjoni ta` tali relazzjoni ma kinetx ġusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun waħda motivata minn ġudizzju ben informat, anke fejn meħtieg mil-lat tekniku"[51];

Illi fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, u wara li eżaminat b'reqqa l-provi fil-kumpless tagħhom, il-Qorti hija tal-fehma illi r-rapport tal-periti mediċi mhux ta' min jiskartah u sejra toqgħod fuqu;

---

[49] P.A. TM **30.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***David Gatt vs Peter Calleja*** (mhux ppublikata)
[50] App. Ċiv. **19.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Calleja noe vs John Mifsud***
[51] App Ċiv. **12.2.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Jean Carlo Fino et vs Joseph Vella et*** u r-referenzi hemm imsemmija

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li l-**ewwel talba attriċi** hija mistħoqqa u ssib li l-imħarrkin flimkien jaħtu għal dak li ġarrab l-attur fl-imsemmi inċident;

Illi dwar il-**likwidazzjoni tad-danni**, il-liġi trid li kull persuna twieġeb għall-ħsara li sseħħ bi ħtija tagħha[52], u jitqies hekk kull min f'għemilu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[53]. Għalhekk kull persuna li għaliex trid, jew għaliex naqset mill-prudenza jew diliġenza, tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li biha tikser dmir impost fuqha mil-liġi, hija obbligata tħallas għall-ħsara li sseħħ minħabba f'hekk, ukoll jekk dan ikun sar mingħajr il-ħsieb li tagħmel ħsara lill ħaddieħor[54];

Illi l-ħsara li persuna responsabbli trid twieġeb għaliha tikkonsisti (a) fit-telf effettiv li l-persuna mġarrba tbati direttament mill-għemil; (b) fl-ispejjeż minfuqin mill-persuna mġarrba biex tagħmel tajjeb għall-ħsara li saritilha; (ċ) fit-telf ta' paga, dħul jew qligħ ieħor attwali; u (d) fit-telf ta' qligħ li l-persuna mġarrba tbati 'l quddiem minħabba debilita' dejjiema kkawżata minn dak l-għemil[55];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-attur qed jippretendi kumpens kemm dwar l-ispejjeż minfuqa (*damnum emergens*), u kif ukoll dwar in-nuqqas jew telf li sejjer iġarrab minħabba li baqa' ma fieqx għal kollox mill-ġrieħi li ġarrab fl-inċident (*lucrum cessans*);

Illi mill-*Current Incident Report*[56] meħud flimkien mal-fehmiet tal-konsulenti mediċi mqabbdin kemm *ex parte* kif ukoll dawk maħturin mill-Qorti[57], il-Qorti tasal għall-fehma li d-debilita' fiżika seħħet fil-ħin tal-inċident u kienet effett dirett tiegħu;

Illi biex il-Qorti tasal għall-kumpens xieraq li l-attur għandu jingħata, trid tasal għall-konklużjoni illi dak li qed jitlob l-attur bħala *damnum emergens* ġab il-prova tiegħu li ntefaq b'riżultat ta' dan l-inċident, filwaqt illi biex tasal għal-likwidazzjoni tal-kumpens għal-*lucrum cessans*, il-Qorti trid tqis it-telf ta' qligħ li l-attur seta' beda jbati minn dak inhar tal-inċident sal-lum[58], u dak li se' jkollu jbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċita' għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ;

---

52 Art. 1031 tal-Kap. 16
53 Art. 1032(1) tal-Kap. 16
54 Art. 1033 tal-Kap. 16
55 Art. 1045(1) tal-Kap. 16
56 Dok. "CE6" f'paġġ 95 – 8 tal-proċess
57 Ara Rapport Mediku f'paġġ. 191- 6 tal-proċess u Dok. "XY4" f'paġġ. 170 – 8 tal-proċess
58 PA JSP **31.1.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Cutajar vs Alfred Scicluna*** (mhux appellata)

Illi għal dak li **jirrigwarda id-*damnum emergens***, il-Qorti tilqa' l-prova mressqa mill-attur[59] li nefaq spejjez fl-ammont ta' erbatax-il elf, seba' mija u erbgħa u sebgħin ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€14,774.22) li jirrappreżentaw in-nefqiet li huwa kellu jagħmel hekk kif mar lura pajjiżu għall-interventi u operazzjonijiet, aċċertamenti mediċi u kura wara l-operazzjoni f'irkobbtu. Jidher li d-dokumenti mressqa huma magħmulin minn riċevuti li juru li l-attur ħallas l-ammont mitluba;

Illi l-imħarrkin bl-ebda mod ma merew dawn il-provi;

Illi fis-sottomissjonijiet tal-għeluq, l-attur iressaq taħt din il-kappa ta' danni talba għall-ħlas ta' kumpens għal medda ta' madwar tmenin (80) jum li fih huwa jgħid li, għal nofsu, ma setax jitħarrek u għan-nofs l-ieħor kien jista' jimxi b'mod limitat. L-attur ma ta l-ebda ħjiel dwar x'kien id-dħul tiegħu dak iż-żmien. Mill-provi kulma joħroġ hu li kien student universitarju u ż-żmien li għalih jirreferi jidher li jaħbat ma' żmien il-btajjel;

Illi, hu x'inhu l-każ, kien jaqa' fuq l-attur li jressaq provi ċari dwar id-dħul tiegħu jew imqar indikazzjonijiet siewja li fuqhom il-Qorti setgħet torbot il-ġudizzju tagħha biex tagħti l-kumpens xieraq li jistħoqqlu. Fin-nuqqas ta' dan, il-Qorti ma tarax li għandha tissupplimenta hi b'ċifra maħluqa minn żniedha;

Illi għalhekk, sejra tillikwida d-dannu emerġenti mġarrab mill-attur fis-somma fuq imsemmija ta' erbatax-il elf, seba' mija u erbgħa u sebgħin ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€14,774.22);

Illi għal dak li **jirrigwarda l-*lucrum cessans***, l-attur jidher li jorbot din il-pretensjoni mall-fatt li bata u għadu qed ibgħati l-konsegwenzi ta' l-inċident;

Illi l-kriterju tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunita' għall-vittma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tibgħata paga sħiħa jew saħansitra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha[60];

Illi kif ingħad mill-Qrati Maltin, "*mhux neċessarju li debilita' permanenti tkun waħda fiżika li timmenoma l-persuna fil-possibilitajiet tiegħu ta' xogħol*

[59] Ara Dok "JG1X" sa Dok. "JG8X" f'paġġ. 153 - 160 tal-proċess
[60] App. Ċiv. **7.7.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt vs Carbone noe*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.242**)

*minħabba limitazzjoni fil-funzjoni ta' xi organu. Setgħet ukoll tkun debilita' psikika li timmanifesta ruħha f'kondizzjoni li negattivament tinfluwenza l-kapaċita' għax-xoghol ta' l-individwu. Li kien meħtieġ pero' hu li jiġi stabbilit lil hinn minn kull dubbju raġjonevoli li tali debilita' kawżata minn debilita' psikika tkun direttament kawżata mill-inċident li għalih kien responsabbli l-konvenut, u inoltre, li d-disabilita' tkun waħda permanenti. .. .. .. Filwaqt li hemm diffikulta' tal-prova f'dan il-kamp, ċertament ma jistax jigi eskluż li jeżistu sitwazzjonijiet fejn il-ħsara provokata minn incident, anke stradali, ma tkunx daqstant fiżika daqs kemm psikika. Filwaqt li jista' jkun li jkun hemm ħsara fiżika li ma tkunx ta' natura permanenti, mhux eskluz li tali ħsara setgħet tipprovoka debilita' psikoloġika permanenti li tista' wkoll tkun kwantifikata f'telf ta' qliegħ futur*"[61];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, it-telf ta' qligħ imġarrab u dak tal-ġejjieni jrid jiġi mistħarreġ fil-kuntest li meta seħħ l-inċident, l-attur kellu biss l-eta' ta' għoxrin (20) sena u dak iż-żmien kien għadu ma daħalx fid-dinja tax-xogħol;

Illi tidħol hawnhekk konsiderazzjoni tal-kejl tal-*multiplier* li għandu jintuża biex jitqies l-ammont tal-kumpens mistħoqq. Huwa aċċettat li l-kriterju ta' kif wieħed iqis il-kejl tal-*multiplier* huwa wieħed li jagħti diskrezzjoni lill-ġudikant, li huwa mistenni li jqis u jiżen iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ fid-dawl ta' twettiq ta' eżerċizzju li jagħti kumpens b'ħaqq u mhux b'xi mantra matematika[62]. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, u wara li l-Qorti qabblet il-qagħda tal-attur ma' oħrajn bħalu f'kawżi ta' din ix-xorta, il-Qorti sejra tadotta multiplier ta' sebgħa u tletin (37) sena;

Illi għal dak li jirrigwarda t-tnaqqis li s-soltu jsir mis-somma likwidata għaliex ikun se' jsir f'daqqa (dak li jissejjaħ '*lump sum payment*'), iż-żmien jibda jitqies minn meta tinfetaħ il-kawża u mhux minn dak inhar tal-inċident[63]. F'dan il-każ, l-attur fetaħ il-kawża sena wara li ġara l-inċident, u sa ma qiegħda tingħata din is-sentenza se jkunu għaddew ftit anqas minn disa' snin minn mindu nfetħet il-kawża. F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti jidhrilha li għandu jsir tnaqqis proporzjonat skond ir-regoli mħaddna li mis-somma titnaqqas perċentwali ta' tnejn fil-mija (2%) għal kull sena li tgħaddi minn dakinhar li nfetħet il-kawża sa dakinhar li tingħata s-sentenza[64]. Għalhekk, sejjer isir tnaqqis ta' tnejn fil-mija (2%) mis-somma ta' danni likwidati taħt il-kappa tal-*lucrum cessans*;

[61] App. Ċiv. **15.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter Sultana vs Anthony Abela Caruana***

[62] P.A. JZM **13.7.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Jeffrey Caruana vs Carmel Montesin*** (riformata mill-Qorti tal-Appell fit-**30.5.2014**)

[63] App. Ċiv. **27.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Annunzjata Caruana vs Odette Camilleri***

[64] Ara, fost oħrajn, P.A. JSP **30.3.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Abela vs Martin Spagnol*** u App. Ċiv. **3.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Luana Deguara vs Judas (Guido) Taddeo sive Edwin Scicluna pro et noe***

Illi għal dak li jirrigwarda l-kwestjoni tal-grad ta' debilita' mġarrba mill-attur, ma jidhirx li hemm kontestazzjoni. Il-Qorti, kif ingħad, sejra toqgħod fuq il-grad ta' debilita' ta' ħdax fil-mija (11%) li waslu għalih il-periti mediċi mqabbdin minnha. Din il-qagħda hija waħda li ma tgħaddix u l-attur se jibqa' jġorrha għal ħajtu kollha;

Illi bħala molteplikand il-Qorti toqgħod fuq il-fatt li, fl-2011[65], l-attur sab impieg għal żmien definittiv. Mit-tagħrif mogħti, jidher li l-imsemmi mpieg kien iġib salarju gross ta' elfejn euro (€ 2,000) fix-xahar jew erbgħa u għoxrin elf ewro (€24,000) fis-sena[66], bi dħul nett (wara tnaqqis ta' imposti ta' taxxa u previdenza soċjali) ta' elf erba' mija u disgħa u ħamsin euro (€ 1459) kull xahar;

Illi, fin-nuqqas ta' xi tagħrif ieħor u minħabba l-medda ta' żmien li l-likwidazzjoni ta' dan il-kap ta' danni trid tqis, il-Qorti sejra taġġusta l-molteplikand għal tnejn u għoxrin elf euro (€ 22,000) netti fis-sena biex tagħmel tajjeb għaż-żidiet li jistgħu jingħataw minn żmien għal żmien u wkoll għall-inflazzjoni;

Illi l-Qorti qiegħda tillikwida lill-attur is-somma ta' seba' u tmenin elf seba' mija u disgħa u erbgħin euro u għoxrin ċenteżmi (€87,749.20)[67] bħala *lucrum cessans* mġarrba minnu fl-imsemmi inċident;

Illi għalhekk għall-finijiet tat-**tieni talba attriċi**, id-danni mġarrba mill-attur jitilgħu b'kollox għal mija u elfejn ħames mija u tlieta u għoxrin euro u tnejn u erbgħin ċenteżmi (€102,523.42)[68];

Illi li l-attur qed jitlob ukoll il-ħlas tal-imgħaxijiet fuq is-somma likwidata. Mill-atti ma jidhirx li interpella lill-imħarrkin b'att ġudizzjarju biex jersqu għall-ħlas, u għaldaqstant kull imgħax dovut irid jibda għaddej mil-lum;

Illi għall-finijiet tat-**tielet talba attriċi**, ladarba l-Qorti sabet li l-imħarrkin jaħtu ndaqs għall-ħsara li ġarrab l-attur, huma għandhom iħallsu s-somma hekk likwidata *in solidum* bejniethom;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

---

[65] Dok "JG8", f'paġġ. 204 sa 210 tal-proċess
[66] Ara Dok. "XY5" f'paġ. 211 tal-proċess
[67] (€22,000 x 37 x 0.11 x 0.98 = € 87,749.20
[68] €87,749.20 + €14,774.22 = € 102,523.42

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari u fil-mertu** tal-imħarrkin billi mhumiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi u** ssib li l-imħarrkin waħedhom u solidalment jaħtu għad-danni mġarrba mill-attur bħala riżultat tal-inċident li seħħ fi Triq San Ġorg, Paceville nhar is-6 ta' Lulju, 2007;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrba mill-attur fl-ammont ta' mija u elfejn ħames mija u tlieta u għoxrin euro u tnejn u erbgħin ċenteżmi (€102,523.42);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** billi tikkundanna lill-imħarrkin flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsu lill-attur s-somma ta' mija u elfejn ħames mija u tlieta u għoxrin euro u tnejn u erbgħin ċenteżmi (€102,523.42) flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ millum sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tikkundanna** lill-imħarrkin iħallsu, flimkien u solidalment bejniethom, l-**ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**28 ta' Frar, 2018**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**

**28 ta' Frar, 2018**